**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**-Omissis-**
**-Omissis-**
**Aidan Fenech**

**Illum 11 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Aidan Fenech** ta' għoxrin (20) sena, iben Anthony Fenech u Josette Cremona, imwieled nhar it-22 ta' April 2002 ġewwa l-Pietà, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 165302L u fil-konfront ta' Omissis u Omissis:

1. Talli bejn l-24 ta' Ottubru 2022 u t-3 ta' Novembru 2022 ġewwa l-gżejjer Maltin assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta u cioè serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin minn ġewwa l-istabiliment bl-isem "EPIC" li jinsab sitwat ġewwa 17B, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ, għad-dannu ta' Epic Communications Limited u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Omissis waħdu:

2. Talli nhar it-3 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn is-18:30hrs u is-18:45hrs ta' filgħaxija minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "EPIC" li

jinsab sitwat ġewwa 17B, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ, ikkommetta serq ta' telefowns ċellulari, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Christian Camilleri u/jew Epic Communications Limited u/jew ta' persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Christian Camilleri, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Mark Debrincat, Numru ta' Reġistru Mediku 4710, tal-Berġa tas-Saħħa tal-Floriana.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Christian Camilleri u/jew Lamù Calvanico kontra l-volontà tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex jkunu imġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Talli nhar it-3 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn is-18:15hrs u s-18:30hrs ta' filgħaxija minn ġewwa l-parkeġġ li jinsab eżattament biswit l-istabiliment l-isem "BigMat" li jinsab sitwat ġewwa Vjal l-Istadium Nazzjonali, Attard, ikkommetta serq ta' pjanċi li juru n-numru ta' reġistrazzjoni DSO019, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Richard Pisani u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

7. Talli nhar il-24 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta ta' bejn l-10:30hrs u l-10:45hrs ta' filgħodu minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' "EPIC" li jinsab sitwat ġewwa 17B, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ, ikkommetta serq ta' telefowns ċellulari, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li sar għad-dannu tal-kumpanija EPIC Communciations Limited u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

8. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Omissis u **Aidan Fenech** waħedhom:

9. Talli fl-24 ta' Ottubru 2022 xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa u cioè żewġ mobile phones tal-marka "Apple" li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkunu, indaħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti.

10. Talli fit-3 ta' Novembru 2022 xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa u cioè żewġ mobile phones tal-marka "Apple" li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti.

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Omissis waħdu:

11. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrendu ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f'każ ta' ħtija: (i) tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-persuni indikati fl-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022;

Rat li l-imputat Aidan Fenech wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema irriżulta li l-imputat Aidan Fenech għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat **Aidan Fenech** flimkien ma' oħrajn qed jiġi mixli: (**a**) talli bejn l-24 ta' Ottubru 2022 u t-3 ta' Novembru 2022 ġewwa l-gżejjer Maltin assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta u cioè serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin minn ġewwa l-istabiliment bl-isem "EPIC" li jinsab sitwat ġewwa 17B, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ, għad-dannu ta' Epic Communications Limited u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, u l-istess imputat **Aidan Fenech** flimkien ma' persuna oħra qed jiġi mixli: (**b**) talli fl-24 ta' Ottubru 2022 xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa u cioè żewġ mobile phones tal-marka "Apple" li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkunu, indaħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti; (**c**) talli fit-3 ta' Novembru 2022 xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa u cioè żewġ mobile phones tal-marka "Apple" li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u disgħin ċenteżmu (€232.90) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti.

Dawn huma t-tlett imputazzjonijiet li jikkonċernaw lill-imputat Aidan Fenech, għal liema imputazzjonijiet huwa wieġeb li huwa ħati.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat Aidan Fenech għall-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti għandha ssib lill-istess Aidan Fenech ħati ta' tali imputazzjonijiet.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat Aidan Fenech u li qed jiġu minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkostanzi dwar l-involivment ta' l-imsemmi imputat fir-reat li għalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu kif ukoll il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt illi l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi

stadju bikri tal-proċeduri. Ikkunsidrat ukoll li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 48A(1)(2)(3)(4), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 274(ċ), 275, 277(b), 279(a) u 334(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat Aidan Fenech ħati, fuq ammissjoni tiegħu tiegħu, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ossia l-imputazzjoni numru 1, fejn qed jiġi mixli flimkien ma' persuni oħra, u l-imputazzjonijiet numru 9 u 10, fejn qed jiġi mixli flimkien ma' persuna oħra, **iżda**, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, il-Qorti tqis li huwa għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza din il-problemi u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni bbażati fuq l-Artikoli 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Superviżjoni annessi magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**